20 ta' Marzu, 1951

**Imħallef :**

Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Ignazio Scicluna

## Traffiku — Third Party Risks — Polza tas-Sigurtà Liċenza — Sospensjoni — Prova — Art. 3 tal-Kap. 165

*Jekk polza tas-sigurtà ma tiġix eżibita biex isservi bħala prova li dik il-polza kienet għalqet, il-prova li l-polza kienet għalqet tista' ssir bix-xhieda ta' persuna li rat dik il-polza u li tafferma li l-istess kienet għalqet.*

*Il-fatt li vettura kienet liċenzjata f'isem l-imputat u kienet "on the road" mingħajr polza tas-sigurtà, huwa prova "prima facie" li l-imputat ippermetta l-użu ta' dik il-karrozza mingħajr il-polza tas-sigurtà; u jaqa' fuq l-imputat il-piż li jipprova l-kuntrarju, ċjoè jew li l-karrozza ġiet misjuqa minn ħaddieħor bla permess tiegħu, jew li l-polza kienet ġiet rinnovata. F'każ simili, id-dmir tal-prova kuntrarja in ripulsa jiġi spustat fuq id-difiża.*

*Dan il-prinċipju, però, jista' jiġi ritenut korrett jekk ikun jista' jiġi korrelatat u inkwadrat maċ-ċirkustanzi tal-każ; għax jista' jkun hemm każijiet oħra li fihom il-fatt li l-vejikolu jkun liċenzjat għan-nom ta' l-imputat u li l-polza tkun għalqet ma jkunux weħedhom biżżejjed biex joħolqu dak il-grad ta' "prima facie case" li hu biżżejjed biex jispusta l-piż tal-prova minn fuq il-Prosekuzzjoni għal fuq id-Difiża.*

*Il-fatt li min saq il-karrozza ikun ġa ġie kundannat u skwalifikat talli għamel użu mill-karrozza bla polza tas-sigurtà ma jiswa xejn għall-imputat li hu akkużat talli ppermetta dak l-użu; għax il-liġi tikkontempla tant il-fatt ta' min jużaha, kemm ta' min jip-*

*permetti jew jgieghel li jintuża, vejikolu bla polza tas-sigurtà. Lanqas ma jistax għall-fini ta' l-iskwalifika tal-liċenza.*

Il-Qorti: — Rat l-imputazzjoni migjuba quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati ta' Malta kontra l-imputat talli fis-17 ta' Settembru, 1953, ippermetta lil Joseph Scicluna jagħmel użu mil-motor truck nru. 8769 mingħajr il-polza ta' sigurtà jew il-garanzija dwar riskji ta' terzi persuni, skond iddispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza XXXVI ta' l-1939; u għal-daqstant il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jiġi skwalifikat milli jkollu jew jieħu ebda liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' inax-il xahar jew iżjed skond l-art. 3(2) ta' l-istess Ordinanza;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Jannar, 1954, li biha ddeċidiet billi sabet lill-imputat ħati skond l-imputazzjoni u kkundannatu jħallas multa ta' £5 u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni ebda liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' inax-il xahar;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi meħlus mill-imputazzjoni;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-fatti huma dawn. It-truck in kwistjoni hu liċenzjat f'isem l-imputat Ignazjo Scicluna. Fis-17 ta' Settembru, 1953 dan it-truck kien qiegħed jiġi misjuq minn hu l-imputat, Giuseppe Scicluna, bla polza tas-sigurtà, peress li din kienet għalqet f'Marzu, 1953. Il-"policy" ma ġietx prodotta, iżda hu raġunat dak li ġie deċiż mill-Qrati Ingliżi (Williams vs. Russell (1933) 97 J.P. 128; Machin vs. Ash (1950) 94 Sol. J. 705) illi "evidence may be given by a policeman who saw the insurance certificate of its terms if the defendant does not produce it in Court";

Id-difiża ssottomettiet li ma hemm ebda prova tar-reat dedott, ċjoè li l-imputat "ippermetta", lil ħuh Giuseppe Scicluna li jsuq it-truck, u li dan seta' saqha bla permess ta' l-imputat. Sostna d-difensur li din il-prova tmiss lill-Prosekuzzjoni. Il-Qorti t'Isfel irriteniet li, ġa ladarba l-Prosekuzzjoni ppruvat li t-truck kienet liċenzjata f'isem l-imputat, u kie-

net "on the road" bla polza tas-sigurtà, b'daqshekk ġiet magħmula prova "prima facie", u kien dmir ta' l-imputat li jipprova *l-kuntrarja, ċjoè jew li ħaħ saq* bla permess tiegħu, jew li l-polza kienet ġiet rinnovata; vwoldiri, dik il-Qorti rriteniet li, malli l-Prosekuzzjoni għamlet din il-prova "prima facie" l-oneri tal-prova kuntrarja in ripulsa ġie spustat fuq id-difiża;

Il-prinċipju stabbilit mill-Ewwel Qorti għandu jitqies korrett, jekk jiftiehem, kif raġjonevolment għandu jiftiehem, bħala korrelatat għaċ-ċirkustanzi partikolari ta' dan il-każ, għaliex jista' jkun hemm każijiet oħra li fihom il-fatt li l-vejikolu jkun *liċenzjat għan-nom ta' l-imputat*, u li l-polza tkun għalqet, ma jkunux weħedhom biżżejjed biex joħolqu dak il-grad ta' "prima facie case" li hu suffiċjenti biex jisposta l-piż tal-prova min fuq il-Prosekuzzjoni għal fuq id-difiża. Hekk, per eżempju, suppost li l-vejikolu jkun qed jiġi misjuq minn bniedem li verosimilment ma jista' jkollu ebda konnessjoni ta' ħbiberija jew ta' negozju, jew ta' impieg, mat-titolari tal-liċenza, u kwindi preżumibilment ma tantx ikun probabbli li dak il-bniedem seta' jkun qed isuq bil-permess tat-titolari tal-liċenza; jew inkella, suppost li ċ-ċirkustanzi konkomitanti kollha jkunu tali li aktarx juru li l-vejikolu ġie misjuq, anki għall-użu tiegħu provviżorju biss, bħal, per eżempju, jekk suldat jew baħri jinstab qed isuq vejikolu ta' pajżan f'lokalitajiet, f'ħin u ċirkustanzi tali li jqajmu suspett, speċjalment jekk hu ma jagħtix xi spjegazzjoni. F'dawn il-każijiet u oħrajn simili, li jistgħu jirrikorru fil-prattika, ma tantx jista' jingħad li l-Prosekuzzjoni tkun għamlet "a prima facie case" ta' sewqan bil-permess ta' l-imputat għax tkun ippruvat li l-vejikolu kien liċenzjat f'isem l-imputat u li ma kienx kopert b'polza tas-sigurtà, għaliex pjuttost ċirkustanzi simili għal dawk fuq imsemmija jeskludu l-probabilità tal-permess tas-sid;

Dak il-prinċipju, però, hu veru meta ċ-ċirkustanzi speċjali tal-każ jkunu tali li ż-żewġ fatti, li l-vejikolu jkun liċenzjat għan-nom ta' l-imputat u li ma jkunx hemm polza, fil-kwadru ta' dawk iċ-ċirkustanzi jkunu biżżejjed biex jikkreaw "a prima facie case";

Dan kien preċiżament il-każ in ispeċje. Infatti:

(a) Il-persuna li kienet qegħedha ssuq it-truck ma kienetx barranija, jew waħda mhix tal-kondizzjoni ta' l-imputat, imma hu stess;

(b) Mix-xhieda tas-Surġent Pullicino jirriżulta li Giuseppe Scicluna, li kien qed isuq it-truck, u l-imputat, huma kuntratturi jaħdmu flimkien; hu raġjonevoli, għalhekk, li wieħed jaħseb li t-truck hu ntiż għall-użu komuni;

(c) Giuseppe Scicluna, mitlub għall-polza, l-għada ġiebha lis-Surġent, u din kienet għan-nom ta' l-imputat; u għalhekk hu raġjonevoli li Giuseppe Scicluna ġiebha minngħand hu, l-imputat;

(d) Giuseppe Scicluna qal lis-Surġent li ma kienx jaf li l-polza għalqet, għax hu, ċjoè l-imputat, ma kienx qallu — kliem li juru l-ko-użu tat-truck bl-annuwenza ta' l-imputat;

Għalhekk kien hemm f'dan il-każ biżżejjed biex iż-żewġ fatti fuq imsemmija, fil-kwadru taċ-ċirkustanzi kollha, jitqiesu almenu suffiċjenti biex jikkreaw "a prima facie case" li kienet almenu titlob xi prova mill-parti tad-difiża; li la saret u lanqas biss ġiet tentata;

Il-fatt li, kif jidher mill-kopja tas-sentenza eżibita binnota tat-12 ta' Marzu, 1954, Giuseppe Scicluna, hu l-imputat, li, kif ingħad, saq il-vejikolu, gie hu stess kundannat u skwalifikat talli għamel użu mit-truck bla polza tas-sigurtà, ma jiswa xejn għall-imputat, għaliex il-liġi (art. 3 Kap. 165) tikkontempla tant il-fatt ta' min juża, kemm ta' min jippermetti jew iġiegħel li jintuża vejikolu bla polza tas-sigurtà. Lanqas ma jiswa għall-finijiet ta' l-iskwalifika tal-liċenza. Dan hu konformi għall-prattika Ingliża, fejn jingħad: "Those who cause or permit vehicles *to be used in breach of section* 35 must be disqualified as well as those who actually use them" (Wilkinson, Road Traffic Prosecutions, p. 73);

*Għal dawn ir-raġunijiet:*

Iddeċiediet;

Billi kkonfermat is-sentenza appellata, u ċaħdet l-appell.